DEĊIŻJONI Nru 1/2025 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ŻVIZZERA

tat-13 ta' Jannar 2025

li temenda l-Iskedi III u IV tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 [2025/128]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 ([1]), kif emendat bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tas-26 ta' Ottubru 2004 li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati ([2]) ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 2 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera, bħala Partijiet Kontraenti, ipprovdew lill-Kumitat Konġunt il-prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-materja prima kollha li għaliha ġew applikati miżuri ta' kumpens għall-prezzijiet, għall-perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar minn Settembru 2023 sa Awwissu 2024. Minn dawk il-prezzijiet jirriżulta li s-sitwazzjoni reali tal-prezzijiet fir-rigward ta' dik il-materja prima fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti nbidlet.

(2) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu aġġornati l-prezzijiet domestiċi ta' referenza u d-differenzi fil-prezzijiet għall-materja prima agrikola elenkata fl-Iskeda III tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, kif ukoll li jiġu adattati l-ammonti bażiċi tal-materja prima agrikola elenkata fl-Iskeda IV ta' dak il-Protokoll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(a) l-Iskeda III hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(b) fl-Iskeda IV, il-punt (b) huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.
([2]) ĠU L 23, 26.1.2005, p. 19.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2025.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2025,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
Marco DÜERKOP

ANNESS I

"SKEDA III

Prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-UE u tal-Iżvizzera

Materja prima agrikola	Prezz domestiku ta' referenza tal-Iżvizzera CHF għal kull 100 kg netti	Prezz domestiku ta' referenza tal-UE CHF għal kull 100 kg netti	L-Artikolu 4(1) Applikat fl-Iżvizzera, Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/tal-UE CHF għal kull 100 kg netti	L-Artikolu 3(3) Applikat fl-UE, Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/tal-UE EUR għal kull 100 kg netti
Qamħ komuni	60,35	20,93	39,40	0,00
Qamħ durum	-	-	1,20	0,00
Segala	47,37	18,48	28,90	0,00
Barli	-	-	-	-
Qamħirrum	-	-	-	-
Dqiq tal-qamħ komuni	100,37	42,47	57,90	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	724,26	356,22	368,05	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	498,09	237,55	260,55	0,00
Butir	1 247,15	556,88	690,25	0,00
Zokkor abjad	-	-	-	-
Bajd	-	-	38,00	0,00
Patata friska	42,31	20,55	21,75	0,00
Xaħam veġetali	-	-	170,00	0,00"

ANNESS II

"(b) Ammonti bażiċi għall-materja prima agrikola meqjusa għall-kalkolu tal-komponenti agrikoli:

Materja prima agrikola	Ammont bażiku applikat fl-Iżvizzera L-Artikolu 3(2)	Ammont bażiku applikat fl-UE L-Artikolu 4(2)
	CHF għal kull 100 kg netti	EUR għal kull 100 kg netti
Qamħ komuni	29,80	0,00
Qamħ durum	1,00	0,00
Segala	22,75	0,00
Barli	-	-
Qamħirrum	-	-
Dqiq tal-qamħ komuni	47,20	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	299,95	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	212,35	0,00
Butir	549,35	0,00
Zokkor abjad	-	-
Bajd	30,95	0,00
Patata friska	15,75	0,00
Xaħam veġetali	138,55	0,00"